MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 8/2008

**George Portelli**

**Vs**

**Jonathan Grech**

**Il-Qorti,**

**Ritrattazzjoni – Artikolu 811(c) u (l) tal-Kap. 12 – Eccezzjoni ta' illegittimita' – Zball ta' fatt.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-22 ta' Jannar 2008 minn Jonathan Grech li permezz tieghu qieghed jitlob ir-revoka tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Novembru 2007 fil-kawza **George Portelli vs Jonathan Grech** (Cit. Nru: 94/1997PC) u s-smiegh mill-gdid tal-istess fuq il-bazi tal-Artikoli 811(c) u 811(l) tal-Kap. 12. Ir-ritrattand ippremetta li l-ewwel eccezzjoni moghtija minnu (l-illegittimita tal-persuna tal-konvenut), *".... ma gietx investita mill-gharaf Perit Legali u sussegwentement mill-*

*Qorti.”*, kif ukoll li l-Qorti kienet ikkomettiet zball li jirrizulta mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza in kwantu r-ritrattand ma nghatax l-opportunita’ li jressaq il-provi tieghu. Ir-ritrattand ippremetta wkoll li permezz tas-sentenza moghtija fit-22 ta’ Novembru 2007 il-Qorti kienet iddikjarat li r-ritrattand naqas li jwettaq u jhares l-obbligazzjonijiet tieghu skond il-ftehim mal-attur; iddikjarat il-ftehim imsemmi fic-citazzjoni rigward il-bejgh u fornitura ta’ kompjuter u accessorji mhassra ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi; u kkundannat lir-ritrattand sabiex ihallas lir-ritrattat is-somma ta’ hamest elef lira Maltija (Lm5,000) minnu mhallsa akkont b’dan li r-ritrattat ghandu jirritorna lura lir-ritrattand l-oggetti kollha konsenjati ma’ dan il-bejgh.

Rat ir-risposta prezentata mir-ritrattat George Portelli fit-3 ta’ Marzu 2008 (fol. 13) li permezz taghha eccepixxa:-

1. Preliminarjament hu sottomess li t-talba odjerna kif maghmula mir-ritrattand hi nulla u minghajr effett ghaliex ma semmiex wiehed wiehed il-kapi tas-sentenza li jrid jattakka, hekk kif rikjest mill-Artikolu 816 tal-Kap. 12.
2. M’huwiex minnu li f’dan il-kaz hemm lok ghar-ritrattazzjoni minhabba l-illegittimita’ ta’ wahda mill-partijiet fil-kawza kif previst fl-Artikolu 811(c) tal-Kap. 12 peress li f’dan il-kaz giet fil-fatt moghtija eccezzjoni mir-ritrattand dwar l-illegittimita tal-persuna, u nghatat decizjoni dwarha. Fid-decizjoni tat-22 ta’ Novembru 2007 din l-eccezzjoni giet trattata u michuda.
3. Lanqas mhu minnu li s-sentenza in kwistjoni nghatat b’effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza skond l-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12. Dan iktar u iktar m’huwiex il-kaz meta wiehed jara r-raguni ghaliex ir-ritrattand Jonathan Grech qieghed jaghmel din l-allegazzjoni u li ma tinkwadra ruhha bl-ebda mod ma’ dak li jipprovdi l-Artikolu 811 u f’kull kaz hi ghal kollox infondata.

Rat l-atti kollha tal-kawza **George Portelli vs Johnathan Grech** (Cit. Nru: 94/1997) deciza fit-22 ta’ Novembru 2007 minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Marzu 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta' sentenza moghtija fit-22 ta' Novembru 2007 fil-kawza **George Portelli vs Johnathan Grech** (Cit. Nru: 94/1997), ir-ritrattand gie kkundannat ihallas lir-ritrattat is-somma ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000) wara li l-Qorti ddikjarat *"...l-ftehim imsemmi fic-citazzjoni rigward il-bejgh u fornitura ta' computer u accessorji tieghu skond kif indikat fil-fattura annessa mac-citazzjoni mhassar ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi."*. Minn din is-sentenza ma sarx appell.

2. B'dawn il-proceduri r-ritrattand qieghed jitlob ir-revoka tas-sentenza moghtija fit-22 ta' Novembru 2007 u ritrattazzjoni ai termini tal-Artikoli 811(c) u (l) tal-Kap. 12.

3. Permezz ta' l-ewwel eccezzjoni r-ritrattat eccepixxa li: *"…it-talba odjerna kif maghmula mill-konvenut hija nulla u minghajr ebda effett u dan peress li fiha l-konvenut ma semmiex wiehed wiehed il-kapi tas-sentenzi li jrid jattakka, hekk kif rikjest mill-artikolu 816 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta."* (fol. 13). Il-Qorti ma tabqilx ma' din l-eccezzjoni in kwantu minn qari tar-rikors guramentat prezentat mir-ritrattand fit-22 ta' Jannar 2008 jirrizulta kif per ezempju fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni qieghed jsostni li din ma gietx investita mill-Qorti fis-sentenza. Fuq din il-konsiderazzjoni biss hu bizzejjed biex tigi michuda l-ewwel eccezzjoni, irrispettivament mill-kwistjoni dwar tistax tintalab ritrattazzjoni fejn Qorti tonqos milli tiddecidi dwar eccezzjoni.

4. Il-Qorti tistqarr li tinsab perplessa kif ir-ritrattand ghamel proceduri ta' ritrattazzjoni u naqas milli jintavola appell mis-sentenza tal-ewwel qorti tat-22 ta' Novembru 2007. Hu facilment seta' jressaq l-ilmenti li ressaq f'din il-

procedura permezz ta' appell. Skond l-Artikolu 812 tal-Kap. 12:-

> **812.** Ir-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn qorti ta' l-ewwel grad, u li għaddiet f'ġudikat, tista' tingħata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien ta' l-appell.

Anke fuq din il-bazi l-azzjoni tar-ritrattand ghandha tfalli. M'hemmx dubju li l-fatti li minhabba fihom qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni r-ritrattand sar jaf bihom waqt li l-kawza (Cit. Nru: 94/1997) kienet ghadha pendenti u cjoe qabel inghatat is-sentenza.

5. L-Artikolu 811(c) tal-Kap. 12 jipprovdi:-

> (ċ) jekk waħda mill-partijiet fil-kawża ma tkunx persuna leġittima, kemm-il darba ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża l-eċċezzjoni ta' illeġittimità;

L-argument tar-ritrattand hu li fin-nota ta' l-eccezzjonijiet kien eccepixxa:-

*"Preliminarjament l-illegittimita' tal-persuna tal-konvenut peress li n-negozju in kwistjoni sar mal-kumpannija Computer Evolution Centre u mhux mal-konvenut eccipjenti skond ma jigi dettaljament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza."*[1];

Ir-ritrattand jilmenta li *"Din l-eccezzjoni baqghet ma gietx investita mill-gharaf Perit Legali u sussegwentement lanqas mill-Qorti"* (fol. 4). Il-Qorti ma taqbilx. Fil-fatt fil-parti dispozittiva tas-sentenza tat-22 ta' Novembru 2007, il-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti. Dwar l-imsemmija eccezzjoni l-Qorti osservat (fil-parti tal-konsiderazzjonijiet):-

---

[1] Fol. 9 tal-process Cit. Nru: 94/1997.

*"Il-konvenut eccepixxa in linea preliminari li ma kienx il-legittimu kontradittur, billi n-negozju in kwistjoni ma kienx sar mieghu, imma mal-kumpannija "Computer Evolution Centre". Dwar din l-allegazzjoni, il-konvenut baqa' qatt ma gab ebda prova, u kif tajjeb ikkonkluda il-perit legali f'dan ir-rigward[2]: "... hu evidenti li l-konvenut kien jezercita l-kummerc taht l-isem Computer Evolution Centre u illi l-isemmi Computer Evolution Centre m'ghandux personalita' guridika separata.". Din l-eccezzjoni qed tigi ghalhekk minnufih respinta."*.

Il-Qorti ghalhekk ma tistax tifhem l-ilment tar-ritrattand meta n-nuqqas hu min-naha tieghu. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li l-Artikolu 811(c) tal-Kap. 12 m'ghandu x'jaqsam xejn mal-ilment tar-ritrattand. F'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Marianna Sciberras et vs Maria Rosa Tabone et** deciza fil-15 ta' Gunju 2005 fejn gie kkonfermat li:-

*"Il-frazi "Jekk wahda mill-partijiet fil-kawza ma tkunx persuna legittima" li tissemma fl-Artikolu 811(c) tal-Kap. 12, certament trid tinqara fid-dawl tar-regoli li l-istess Kap. 12 jistabilixxi fl-Artikolu 780 et sequitur meta jitkellem "fuq l-eccezzjoni ta' l-illegittimita` ta' l-attur jew tal-konvenut". L-Artikolu 780 jipprovdi li "l-eccezzjoni dwar l-illegittimita` ta' l-attur jew tal-konvenut tista' tinghata, meta l-wiehed jew l-iehor huwa inkapaci skond il-ligi biex joqghod f'kawza, inkella biex iharrek jew jigi mharrek fl-isem u fl-interess ta' haddiehor, minghajr ma jkun awtorizzat skond il-ligi ghal daqshekk. L-Artikolu sussegwenti cioe` 781 imbaghad jiddefenixxi min huma dawk il-persuni li m'humiex kapaci biex joqghodu f'kawza bhala attur jew konvenut: "a. il-minuri, hlief fil-persuna tal-genitur li jkun qed jezercita s-setgha tal-missier, jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-persuna ta' tutur jew kuratur; b. il-persuni furjuzi jew mohhom marid u kull persuna ohra li ma jkollhiex l-*

[2] Il-perit legali kkonkluda: *"Illi l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut lanqas giet sostnuta u hu evidenti illi l-konvenut kien jezercita l-kummerc taht l-isem Computer Evolution Centre u illi l-imsemmi Computer Evolution Centre m'ghandux personalita' guridika separata. Ghaldaqstant, anke dina l-eccezzjoni m'hijiex sostenibbli"* (fol. 61 tal-process Cit. Nru: 94/1997).

*ezercizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-kawza, hlief fil-persuna ta' dak li skond il-ligi jkollu f'idejh dik l-amministrazzjoni jew ta' kuratur ad litem.".*

L-eccezzjoni ta' illegittimita' tal-konvenut hi trattata fl-Artikoli 780 sa 788 tal-Kap. 12 u eccezzjoni simili titratta dwar persuni li m'humiex kapaci li joqghodu f'kawza ghal xi wahda mir-ragunijiet li jissemmew fl-Artikolu 781. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-oggezzjoni li ssolleva r-ritrattand bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma tista' tikkwalifika fil-kuntest ta' eccezzjoni ta' illegittimita' kif spjegat hawn fuq. Pjuttost l-ilment tar-ritrattand hu li hu ma kienx il-legittimu kontradittur, fejn il-Qorti *"........kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha"* (**Frankie Refalo nomine vs Jason Azzopardi et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001).

6. L-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 jipprovdi:-

(*l*) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

L-argument tar-ritrattand hu li dan l-izball hu evidenti mill-atti in kwantu *"....l-konvenut ma nghatax l-opportunita' li jressaq il-provi tieghu. Meta f'kawza xi wahda mill-partijiet ma ggibx il-quddiem il-kaz taghha huwa evidenti li s-sentenza hija effett ta' zball fundamentali."* (fol. 4). Interpretazzjoni ghal kollox zbaljata tal-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12. Minghajr il-htiega li l-Qorti toqghod tidhol f'dettall zejjed, hu maghruf li fir-rigward ta' dan il-kap ta' ritrattazzjoni: *"L'errore di fatto, perche' possa aprire l'adito*

*alla ritrattazione, deve risultare dagli atti e dai documenti della causa, e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto della dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti, e non relativo ai criteri o caratteri coi quali il fatto e' stato appreso dal giudicante, perche' l'apprezzamento e l'interpretazione del fatto costituiscono l'insindiacabile convincimento del giudice. L'errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di causalita' collo decisione ed e' necessario che il fatto non abbia formato un punto controverso e deciso colla sentenza impugnata."* **(Ara sentenza pubblikata fil-Volum XXV11.i.433 G.Vella Zarb vs A.Bartolo deciza fit-3 ta' Frar 1930).** Minn dan kollu m'ghandna xejn fil-kaz tal-lum.

Madankollu tajjeb li jigi registrat kif mill-atti tal-kawza **George Portelli vs Johnathan Grech** (Cit. Nru: 94/97) jirrizulta li:-

- Fis-seduta li saret fil-11/7/2000 quddiem il-perit legali, ir-ritrattand naqas milli jidher ghalkem fis-seduta precedenti (17 ta' Gunju 2000) kien sar qbil li r-ritrattand jibda jressaq il-provi tieghu. Id-difensur tieghu iddikjara *"...illi mill-ahhar seduta sal-lum, il-patrocinat tiegu ghadu ma avvicinhax u ghalhekk ma kienx possibli ghalih li jipprepara l-affidavits jew li jipproduci provi."*[3].
- Fis-seduta tal-25/8/2001, ir-ritrattand rega' naqas milli jressaq provi[4].
- Fis-seduta tas-16/3/2002, gie verbalizzat *"Dr. Michael Grech ghall-attur jiddikjara li f'dan l-istadju m'ghandux provi aktar. Dr. Alfred Grech ghall-konvenuti jitlob hmistax-il jum zmien sabiex jikkunsidra jekk iressaqx provi ulterjuri jew le. Fin-nuqqas ta' kommunika lill-perit legali f'dan is-sens, il-perit legali huwa awtorizzat jghaddi ghar-rapport wara s-sottomissjoni tan-noti relattivi."*[5]. Mill-atti ma jirrizultax li kienet saret din il-komunika lill-perit legali.

[3] Fol. 81 tac-Cit. Nru: 94/97.
[4] Fol. 83 tac-Cit. Nru: 94/47.
[5] Fol. 86 tac-Cit. Nru: 94/97.

• Ir-ritrattand kien fil-5 ta' Settembru 2005 intavola kawza kostituzzjonali (**Jonathan Grech vs Il-Prim Ministru et** – Rikors numru: 44/2005) fejn ilmenta li ma nghatax smiegh xieraq ghaliex ma nghatax l-opportunita' biex iressaq il-provi tieghu. Permezz ta' sentenza moghija fil-31 ta' Jannar 2007, il-Qorti cahdet it-talba wara li ddikjarat li *"...mill-atti processwali u minn dawk l-atti kollha kif hekk prezentati din il-Qorti thoss li **l-istess rikorrenti odjern inghata kull opportunita' li jressaq il-provi tieghu fil-hin opportun izda kien huwa li naqas li jaghmel dan**. Din il-Qorti ma thossx li wara li l-istess rikorrenti kien naqas milli jaghmel dak li inghata l-opportunita' li jaghmel diversi drabi quddiem il-Qorti, jvanta dan l-ilment iktar u iktar meta dan jidher li gie mqajjem biss wara li huwa ra li kien hemm rapport peritali, u dan ghaliex fl-opinjoni ta' din il-Qorti jammonta ghall-abbuz tal-proceduri gudizzjarji...."* (enfazi tal-Qorti). Ma jirrizultax li r-ritrattand appella minn din is-sentenza.
• Wara l-ghoti tas-sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), il-partijiet ipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet.

Il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-ritrattand ghadu jilmenta li ma nghatax l-opportunita' li jressaq il-provi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda ghar-ragunijiet fuq moghtija:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni moghtija mir-ritrattat.

2. Tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tar-ritrattat u tichad it-talbiet tar-ritrattand.

Peress li fil-fehma tal-Qorti dawn il-proceduri huma ghal kollox frivoli u vessatorji u qeghdin iservu biss biex jitwalu nutilment il-proceduri u jsiru iktar spejjez bla bzonn, ser tissanzjona dan l-operat abbuziv tar-ritrattand bil-mod kontemplat mil-ligi. Il-process gudizzjarju m'ghandu qatt jigi abbuzat. Ghalhekk filwaqt li tikkundanna lir-ritrattand sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez, bl-eccezzjoni tal-ispejjez relatati mal-ewwel eccezzjoni li huma a karigu tar-

ritrattat George Portelli, b'applikazzjoni tar-regolament 10 tat-Tariffa A (Kap. 12) tikkundanna lir-ritrattand ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' hames mija u tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (€582.34) bhala spejjez addizzjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------